



2017/2127(INI)

5.7.2017

EMENDI

1 - 76

Abbozz ta' opinjoni
Julie Ward
(PE604.815v01-00)

L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità
(2017/2127(INI))

Emenda 1

Julie Ward, Helga Trüpel, Krystyna Lybacka, Sylvie Guillaume, Momchil Nekov, Silvia Costa

Abbozz ta' opinjoni Paragrafu - 1 (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

- 1. Iqis li huwa essenzjali li fl-oqsma kollha ta' politika jinżamm approċċ ibbażat fuq id-drittijiet meta wieħed ikun qed jittratta l-kwistjoni tad-diżabilità;

Or. en

Emenda 2 Curzio Maltese

Abbozz ta' opinjoni Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1. **Jistieden** lill-Istati Membri **jirrikonoxxu l-importanza ta'** edukazzjoni **tat-tfulija bikrija u dik primarja ta' kwalità u inklużiva kif ukoll l-importanza ta'** kura soċjali ta' kwalità u **inklużiva** u jistabbilixxu **strutturi** xierqa **għal tfal** iż-żgħar b'diżabilità u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali (SEN);

1. **Iħeġġeġ** lill-Istati Membri **jiggarantixxu** edukazzjoni u kura soċjali ta' kwalità u **inklużivi** u jistabbilixxu **miżuri** xierqa **u effikaċi għat-tfal** iż-żgħar b'diżabilità u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali (SEN);

Or. it

Emenda 3 Dominique Bilde

Abbozz ta' opinjoni Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. Jistieden lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-importanza ta' edukazzjoni tat-tfulija bikrija u dik primarja ta' kwalità u inklużiva kif ukoll l-importanza ta' kura soċjali ta' kwalità u inklużiva u jistabbilixxu strutturi xierqa **għal tfal** iż-żgħar b'diżabilità u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali (SEN);

Emenda

1. Jistieden lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-importanza ta' edukazzjoni tat-tfulija bikrija u dik primarja ta' kwalità u inklużiva kif ukoll l-importanza ta' kura soċjali ta' kwalità u inklużiva u jistabbilixxu **jew jappoġġjaw** strutturi xierqa **għat-tfal** iż-żgħar b'diżabilità u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali (SEN), **u jiggarrantixxu lill-assistenti edukattivi l-istabilità tal-impjeg u remunerazzjoni xierqa**;

Or. fr

Emenda 4

Luigi Morgano, Julie Ward

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. Jistieden lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-importanza ta' edukazzjoni tat-tfulija bikrija u dik primarja ta' kwalità u **inklużiva** kif ukoll l-importanza ta' kura soċjali ta' kwalità u inklużiva u jistabbilixxu strutturi xierqa **għal tfal** iż-żgħar b'diżabilità u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali (SEN);

Emenda

1. Jistieden lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-importanza ta' edukazzjoni tat-tfulija bikrija u dik primarja ta' kwalità u **inklużivi** kif ukoll l-importanza ta' kura soċjali ta' kwalità u inklużiva u jistabbilixxu strutturi xierqa **għat-tfal** iż-żgħar b'diżabilità u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali (SEN), **li għandhom ikunu jistgħu wkoll jipprovdu appoġġ individwali fl-aħjar interess tat-tfal**;

Or. en

Emenda 5

Julie Ward, Helga Trüpel, Krystyna Lybacka, Sylvie Guillaume, Momchil Nekov, Silvia Costa

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. Jistieden lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-importanza ta' edukazzjoni tat-tfulija bikrija u dik primarja ta' kwalità u **inklużiva** kif ukoll l-importanza ta' kura soċjali ta' kwalità u inklużiva u jistabbilixxu strutturi xierqa **għal tfal** iż-żgħar b'diżabilità u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali (SEN);

Emenda

1. Jistieden lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-importanza ta' edukazzjoni tat-tfulija bikrija u dik primarja ta' kwalità u **inklużivi** kif ukoll l-importanza ta' kura soċjali ta' kwalità u inklużiva u jistabbilixxu strutturi xierqa **għat-tfal** iż-żgħar b'diżabilità u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali (SEN), **li jinkludu lit-tfal migranti u lit-tfal li jsofru minn diskriminazzjoni multipla, sabiex iwieġbu għal ħtiġijiet speċifiċi u diversi u jiddisponu għall-inklużjoni b'suċċess tal-migranti u l-minoritajiet fl-edukazzjoni normali;**

Or. en

Emenda 6

Julie Ward, Helga Trüpel, Krystyna Łybacka, Sylvie Guillaume, Momchil Nekov, Silvia Costa

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1a (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda 7

Ilhan Kyuchyuk, Yana Toom, Robert Rochefort

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1a (ġdid)**

Emenda

1a. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw dispożizzjonijiet, inkluż finanzjament suffiċjenti, għall-assistenza adegwata għat-tfal tal-iskola u għall-istudenti b'diżabilità kif ukoll taħriġ għall-persunal fl-infrastrutturi tal-edukazzjoni u tat-tagħlim tul il-ħajja;

Or. en

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1a. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja aħjar l-isforzi tal-Istati Membri biex jitneħħew l-ostakoli ġuridiċi u organizzattivi u jiżguraw aċċess ugwali għall-persuni b'diżabilità għal edukazzjoni u taħriġ inklużivi, inkluż l-ETV u t-tagħlim għall-adulti, il-kultura, it-turiżmu u l-isport; jenfasizza kemm hu importanti li jiġu żgurati d-disponibilità, l-aċċessibilità u l-affordabilità ta' servizzi ta' appoġġ individwalizzati għall-persuni b'diżabilità;

Or. en

**Emenda 8
Curzio Maltese**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1a (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1a. Jiddispijaċih minħabba t-tnaqqis gradwali fil-finanzjament pubbliku għall-edukazzjoni minħabba l-kriżi ekonomika fl-Ewropa; ifakkar li l-edukazzjoni hija dritt fundamentali tal-bniedem u ġid komuni;

Or. it

**Emenda 9
Julie Ward, Helga Trüpel, Krystyna Łybacka, Sylvie Guillaume, Momchil Nekov, Silvia Costa**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1b (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1b. Minħabba r-rata għolja ta' tluq bikri mill-iskola fost iż-żgħażaġh b'diżabbiltà u/jew SEN, jappella li

*jkomplu jiġu esplorati aktar l-
opportunitajiet offruti mit-tagħlim tul il-
ħajja u l-għoti ta' alternattivi attraenti;*

Or. en

Emenda 10

Ilhan Kyuchyuk, Yana Toom, Robert Rochefort

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1b (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1b. Jistieden lill-Kummissjoni biex, flimkien mal-Istati Membri, tistabbilixxi miri għall-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ, għat-tnaqqis tal-faqar u għall-impjiegi għall-persuni b'diżabilità u l-persuni bi bżonnijiet speċjali u tissorvelja mill-qrib u tivvaluta s-sitwazzjoni taħhom fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u f'dak tal-UE;

Or. en

Emenda 11

Curzio Maltese

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1b (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1b. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jigarantixxu sistema effikaċi tal-ġbir tad-data permezz ta' indikaturi ċari b'referenza għall-persuni b'diżabilità f'dak li jirrigwarda l-aċċess għall-edukazzjoni, b'mod partikolari d-data relatata mal-persuni li huma dipendenti ħafna;

Or. it

Emenda 12

Julie Ward, Helga Trüpel, Krystyna Łybacka, Sylvie Guillaume, Momchil Nekov, Silvia Costa

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1c (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1c. Jinkoraġġixxi l-iskambju tal-aħjar prattiki fir-rigward tal-edukazzjoni inklussiva u t-tagħlim tul il-ħajja għall-għalliema, għall-persunal, għall-korpi governattivi, u għall-istudenti u t-tfal tal-iskola b'diżabilità;

Or. en

**Emenda 13
Curzio Maltese**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1c (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1c. Jiddispjaċih li fost l-indikaturi tal-SDGs tal-UE, l-indikatur dwar l-edukazzjoni mhuwiex diżaggreat skont id-diżabilità; jissottolinja li l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità jenħtieġ li timmira li tnaqqas id-distakk fil-ġbir tad-data dwar l-aċċess għall-edukazzjoni tal-persuni b'diżabilità;

Or. en

Emenda 14

Julie Ward, Helga Trüpel, Krystyna Łybacka, Sylvie Guillaume, Momchil Nekov, Silvia Costa

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1d (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1d. Jirrakkomanda jsiru disponibbli

konsulenti speċjali fuq il-post fl-universitajiet, fiċ-ċentri tal-impjegi u f'servizzi u inizjattivi oħra tal-impjegi, biex jagħtu parir lill-istudenti b'diżabilità dwar l-opportunitajiet ta' karriera;

Or. en

Emenda 15

Julie Ward, Helga Trüpel, Krystyna Łybacka, Sylvie Guillaume, Momchil Nekov, Silvia Costa

Abbozz ta' opinjoni Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. **Jitlob** lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jagħtu attenzjoni speċjali lid-diffikultajiet li ż-żgħażaġh b'diżabilità u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali jiffaċċjaw fit-tranżizzjoni tagħhom mill-edukazzjoni għall-impjieg u jitlobhom jużaw għal dan l-iskop l-istrumenti u l-inizjattivi eżistenti kollha fl-oqsma tal-impjegi, il-politika taż-żgħażaġh, il-kultura u l-edukazzjoni;

Emenda

2. **Jesprimi t-tħassib tiegħu li minkejja li saru titjibiet, il-persuni b'diżabbiltà għadhom jinsabu f'riskju għoli ta' qgħad u li inqas minn 30 % minnhom temmew edukazzjoni terzjarja jew ekwivalenti, u għalhekk jitlob** lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jagħtu attenzjoni speċjali lid-diffikultajiet li ż-żgħażaġh b'diżabilità u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali jiffaċċjaw fit-tranżizzjoni tagħhom mill-edukazzjoni għall-impjieg u jitlobhom jużaw għal dan l-iskop l-istrumenti u l-inizjattivi eżistenti kollha fl-oqsma tal-impjegi, il-politika taż-żgħażaġh, il-kultura u l-edukazzjoni, **b'mod partikolari l-fondi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, taż-Żaġħzaġh Attivi u tal-FEIS;**

Or. en

Emenda 16

Dominique Bilde

Abbozz ta' opinjoni Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Jitlob lill-Istati Membri u lill-

Emenda

2. (Ma taffettwax il-verzjoni Maltija)

Kummissjoni jagħtu attenzjoni speċjali lid-diffikultajiet li ż-żgħażaġh b'diżabilità u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali jiffaċċjaw fit-tranżizzjoni tagħhom mill-edukazzjoni għall-impjieg u jitlobhom jużaw għal dan l-iskop l-istrumenti u l-inizjattivi eżistenti kollha fl-oqsma tal-impjiegi, il-politika taż-żgħażaġh, il-kultura u l-edukazzjoni;

Or. fr

Emenda 17

Luigi Morgano, Julie Ward

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jagħtu attenzjoni speċjali lid-diffikultajiet li ż-żgħażaġh b'diżabilità u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali jiffaċċjaw fit-tranżizzjoni tagħhom mill-edukazzjoni għall-impjieg u jitlobhom jużaw għal dan l-iskop l-istrumenti u l-inizjattivi eżistenti kollha fl-oqsma tal-impjiegi, il-politika taż-żgħażaġh, il-kultura u l-edukazzjoni;

Emenda

2. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jagħtu attenzjoni speċjali lid-diffikultajiet li ż-żgħażaġh b'diżabilità u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali jiffaċċjaw fit-tranżizzjoni tagħhom mill-edukazzjoni **sekondarja u universitarja u/jew it-taħriġ vokazzjonali** għall-impjieg, u jitlobhom jużaw għal dan l-iskop l-istrumenti u l-inizjattivi eżistenti kollha fl-oqsma tal-impjiegi, il-politika taż-żgħażaġh, il-kultura u l-edukazzjoni;

Or. en

Emenda 18

Santiago Fisas Ayxelà, Bogdan Brunon Wentá

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jagħtu attenzjoni speċjali lid-diffikultajiet li ż-żgħażaġh b'diżabilità u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali

Emenda

2. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jagħtu attenzjoni speċjali lid-diffikultajiet li ż-żgħażaġh b'diżabilità u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali

jiffaċċjaw fit-tranżizzjoni tagħhom mill-
edukazzjoni għall-impjieg u jitlobhom
jużaw għal dan l-iskop l-istrumenti u l-
inizjattivi eżistenti kollha fl-oqsma tal-
impjieg, il-politika taż-żgħażaġh, il-
kultura u l-edukazzjoni;

jiffaċċjaw fit-tranżizzjoni tagħhom mill-
edukazzjoni għall-impjieg, u jitlobhom
jużaw għal dan l-iskop l-istrumenti u l-
inizjattivi eżistenti kollha fl-oqsma tal-
impjieg, il-politika taż-żgħażaġh, il-
kultura, ***l-isports*** u l-edukazzjoni;

Or. en

Emenda 19 **Curzio Maltese**

Abbozz ta' opinjoni **Paragrafu 2**

Abbozz ta' opinjoni

2. Jitlob lill-Istati Membri u lill-
Kummissjoni jagħtu attenzjoni speċjali lid-
diffikultajiet li ż-żgħażaġh b'diżabilità
u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali
jiffaċċjaw fit-tranżizzjoni tagħhom mill-
edukazzjoni għall-impjieg ***u*** jitlobhom
jużaw għal dan l-iskop l-istrumenti u l-
inizjattivi eżistenti kollha fl-oqsma tal-
impjieg, ***il-politika*** taż-żgħażaġh, ***il-***
kultura u ***l-edukazzjoni***;

Emenda

2. Jitlob lill-Istati Membri u lill-
Kummissjoni jagħtu attenzjoni speċjali lid-
diffikultajiet li ż-żgħażaġh b'diżabilità
u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali
jiffaċċjaw fit-tranżizzjoni tagħhom mill-
edukazzjoni għall-impjieg, jitlobhom
jużaw għal dan l-iskop l-istrumenti u l-
inizjattivi eżistenti kollha fl-oqsma tal-
impjieg, ***tal-politika*** taż-żgħażaġh, ***tal-***
kultura u ***tal-edukazzjoni u jitlobhom***
ukoll jinvolvu lill-assoċjazzjonijiet
rilevanti, lill-familji tal-persuni
b'diżabilità u lill-persuni b'diżabilità
nfushom fil-proċess kollu tat-teħid tad-
deċiżjonijiet;

Or. it

Emenda 20 **Julie Ward, Helga Trüpel, Krystyna Łybacka, Sylvie Guillaume, Momchil Nekov, Silvia** **Costa**

Abbozz ta' opinjoni **Paragrafu 2a (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

2a. ***Jitlob li provvedimenti usa' ta'***
traineeships ta' kwalità jkunu disponibbli
u aċċessibbli għaż-żgħażaġh b'diżabilità;

Emenda 21
Curzio Maltese

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

2a. Jinnota li 26.9 % biss tal-persuni b'diżabilità li għandhom bejn it-30 u d-39 sena fl-Ewropa temmew edukazzjoni terzjarja jew edukazzjoni ta' livell ekwivalenti, meta mqabbla mal-40.8 % tal-persuni mingħajr diżabilità, u jinnota wkoll li r-rata ta' impjeg għadha baxxa ħafna;

Or. en

Emenda 22

Julie Ward, Helga Trüpel, Krystyna Łybacka, Sylvie Guillaume, Momchil Nekov, Silvia Costa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

2b. Jirrimarka, fir-rigward tal-impjegi, li l-għoti ta' assistent(a) personali waqt il-ħinijiet tax-xogħol, f'ħafna każijiet, hija l-unika għażla biex il-persuni b'diżabilità jaħdmu u biex ikunu parti minn tim u biex jiġi evitat ix-xogħol li jsir bilfors mid-dar; jistieden lill-Istati Membri jieħdu u jħeġġu kwalunkwe miżura meħtieġa sabiex jiżguraw l-aċċessibilità u l-inklużività tal-postijiet tax-xogħol;

Or. en

Emenda 23
Curzio Maltese

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2b (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

2b. Jenfasizza li l-kisba ta' livell baxx ta' edukazzjoni, dawk li jitolqu mill-iskola qabel iż-żmien, in-nuqqas ta' programmi adattati, id-diskriminazzjoni, in-nuqqas ta' ħiliet u appoġġ għall-impjiegi, kif ukoll l-aċċessibilità tal-postijiet tax-xogħol għadhom l-isfidi ewlenin għall-inklużjoni fis-suq tax-xogħol;

Or. en

**Emenda 24
Curzio Maltese**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2c (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

2c. Jiddeplora l-fatt li r-rata ta' impjieg fost in-nisa b'diżabilità hija anqas minn 50 %, ċifra li turrileva d-diskriminazzjoni doppja li dawn in-nisa jħabbtu wiċċhom magħha, u li dan ixekkilmom milli jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja soċjali;

Or. it

**Emenda 25
Curzio Maltese**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2d (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

2d. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw aċċess ugwali għall-edukazzjoni għal kulħadd, b'mod partikolari permezz ta' programmi u

miżuri speċifiċi għall-immigranti u r-rifuġjati b'diżabilità;

Or. en

Emenda 26
Curzio Maltese

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2e (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

2e. Josserva li l-persuni b'diżabilità huma parti integrali u attivi tas-soċjetà b'mod ġenerali; għalhekk jistieden lill-Istati Membri jużaw il-Fondi Strutturali, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali biex ittejbu l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-persuni b'diżabilità kif ukoll il-postijiet tax-xogħol u l-iskejjel;

Or. it

Emenda 27
Curzio Maltese

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2f (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

2f. Ihegġegħ lill-istituzzjonijiet pubbliċi u lill-kumpaniji tal-UE jimplimentaw politiki ta' diversità u l-Karta nazzjonali tad-Diversità;

Or. en

Emenda 28
Curzio Maltese

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2 g (ġdid)

PE607.807v01-00

14/36

AM\1129349MT.docx

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

2g. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jintroduzu l-Karta tad-Diżabilità tal-UE;

Or. en

Emenda 29

Luigi Morgano, Julie Ward

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3**

Abbozz ta' opinjoni

3. Iqis li huwa essenzjali li tittejjeb l-informazzjoni għall-persuni b'diżabilità dwar l-opportunitajiet ta' mobilità u li tingħata attenzjoni speċjali lid-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom;

Emenda

3. Iqis li huwa essenzjali li **jiġi promoss l-aċċess effettiv għall-attivitajiet estrakurrikulari, bħalma huma t-tijatru, iż-żfin, il-mużika, l-arti, u li** tittejjeb l-informazzjoni għall-persuni b'diżabilità dwar l-opportunitajiet ta' mobilità u li tingħata attenzjoni speċjali lid-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom;

Or. en

Emenda 30

Ilhan Kyuchyuk, Yana Toom, Robert Rochefort

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3**

Abbozz ta' opinjoni

3. Iqis li huwa essenzjali li tittejjeb l-informazzjoni għall-persuni b'diżabilità dwar l-opportunitajiet ta' mobilità u li tingħata attenzjoni speċjali lid-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom;

Emenda

3. Iqis li huwa essenzjali li tittejjeb l-informazzjoni għall-persuni b'diżabilità dwar l-opportunitajiet ta' mobilità, **li jinghatawllhom il-gwida u l-assistenza meħtieġa** u li tingħata attenzjoni speċjali lid-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom **u li dawn id-diffikultajiet jiġu indirizzati;**

Or. en

Emenda 31
Dominique Bilde

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. Iqis li huwa essenzjali li tittnejeb l-informazzjoni għall-persuni b'diżabilità dwar l-opportunitajiet ta' mobilità u li tingħata attenzjoni speċjali lid-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom;

Emenda

3. Iqis li huwa essenzjali li tittnejeb l-informazzjoni għall-persuni b'diżabilità dwar l-opportunitajiet ta' mobilità, ***l-ghajnuniет finanzjarji u s-servizzi disponibbli li jeżistu qrib id-dar*** u li tingħata attenzjoni speċjali lid-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom, ***b'mod partikolari d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom il-graba biex jiksbu trasferiment lejn belt li tkun aktar adattata biex tgħin l-iżvilupp tal-persuna b'diżabilità;***

Or. fr

Emenda 32
Angel Dzhambazki, Morten Messerschmidt, Jana Žitňanská, Remo Sernagiotto

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. Iqis li huwa essenzjali li tittnejeb l-informazzjoni għall-persuni b'diżabilità dwar l-opportunitajiet ta' mobilità u li tingħata attenzjoni speċjali lid-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom;

Emenda

3. Iqis li huwa essenzjali li tittnejeb l-informazzjoni għall-persuni b'diżabilità dwar l-opportunitajiet ta' mobilità u li tingħata attenzjoni speċjali lid-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom ***kif ukoll li tingħata assistenza fejn dan ikun possibbli;***

Or. en

Emenda 33
Julie Ward, Helga Trüpel, Krystyna Łybacka, Sylvie Guillaume, Momchil Nekov, Silvia Costa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. Iqis li huwa essenzjali li tittejjeb l-informazzjoni għall-persuni b'diżabilità dwar l-opportunitajiet ta' mobilità u li tingħata attenzjoni speċjali lid-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom;

Emenda

3. Iqis li huwa essenzjali li tittejjeb l-informazzjoni għall-persuni b'diżabilità dwar l-opportunitajiet ta' mobilità u li tingħata attenzjoni speċjali lid-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom, ***inkluż permezz tat-taħriġ xieraq tal-persunal fl-aġenziji nazzjonali u fl-istituzzjonijiet ospitanti;***

Or. en

Emenda 34

Julie Ward, Helga Trüpel, Krystyna Łybacka, Sylvie Guillaume, Momchil Nekov, Silvia Costa

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3a (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

3a. ***Ifakkar li, minkejja l-isforzi biex il-programmi Erasmus+ u inizjattivi ta' mobilità oħra jsiru aktar inklużivi, in-nuqqas ta' armonizzazzjoni fost is-sistemi soċjali nazzjonali u n-nuqqas ta' portabilità tad-drittijiet jirrappreżentaw ostaklu kbir għall-mobilità tal-persuni b'diżabilità; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kollaborazzjoni f'dan il-qasam bil-ħsieb li jiffaċilitaw il-mobilità tal-persuni b'diżabilità;***

Or. en

**Emenda 35
Silvia Costa**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3a (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

3a. ***Ifakkar li n-nuqqas ta' portabilità u armonizzazzjoni tad-drittijiet fid-diversi***

Emenda

sistemi soċjali tal-UE jirrappreżenta ostaklu enormi għall-mobilità tal-persuni b'diżabilità, minkejja l-isforzi biex il-programmi Erasmus+ u inizjattivi oħra ta' mobilità jsiru aktar inklużivi; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kollaborazzjoni f'dan is-settur bil-għan li jiffaċilitaw il-mobilità tal-persuni b'diżabilità;

Or. it

Emenda 36
Eleftherios Synadinos

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

3a. Jenfasizza li huwa ta' importanza kruċjali li jingħata appoġġ lill-familji tal-persuni b'diżabilità u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali, speċjalment dawk tat-tfal; f'dak il-kuntest, jitolb li jittieħdu dawk l-azzjonijiet rilevanti u adattati skont il-każ, bil-mira li jingħata appoġġ lill-familji milquta billi jiġu proposti lilhom u adottati miżuri mmirati speċifiċi bil-għan li jaġevolawhom u jsaħħu l-pożizzjoni tagħhom biex iwieġbu b'mod adegwat għall-ħtiġijiet akbar ta' dawk in-nies;

Or. en

Emenda 37
Julie Ward, Helga Trüpel, Krystyna Łybacka, Sylvie Guillaume, Momchil Nekov, Silvia Costa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

3b. Jitolb lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprevjenu l-prattiki

diskriminatorji fil-proċessi tal-għażla għal skemi ta' mobilità, bħall-istipular ta' livell limitu tal-baġit biex jiġu ospitati studenti b'diżabilità, notevolment permezz ta' Erasmus+; b'mod ġenerali, jirrakkomanda li jiġiesu l-bżonnijiet finanzjarji taż-żgħażaġh b'diżabilità meta jkun qed isir l-ibbaġitjar tal-programmi ta' mobilità sabiex tiġi evitata d-diskriminazzjoni;

Or. en

Emenda 38 **Curzio Maltese**

Abbozz ta' opinjoni **Paragrafu 4**

Abbozz ta' opinjoni

4. *Jilqa' l-isforz kontinwu biex fil-programmi u l-inizjattivi tal-Unjoni jiġu inklużi dispożizzjonijiet dwar l-aċċess u jitlob li tkompli ssir aktar integrazzjoni tar-rekwiżiti ta' aċċessibilità fil-politiki kulturali tal-Unjoni, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Marrakech, ir-rieżami tad-Direttiva dwar is-servizz tal-media awdjoviżiva, il-Kapitali Ewropej tal-Kultura u Ewropa Kreattiva;*

Emenda

4. *Huwa tal-fehma li hemm il-ħtieġa ta' aktar integrazzjoni tar-rekwiżiti ta' aċċessibilità fil-politiki kulturali tal-Unjoni, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Marrakech, ir-rieżami tad-Direttiva dwar is-servizz tal-media awdjoviżiva, il-Kapitali Ewropej tal-Kultura u Ewropa Kreattiva;*

Or. it

Emenda 39 **Ilhan Kyuchyuk, Yana Toom**

Abbozz ta' opinjoni **Paragrafu 4**

Abbozz ta' opinjoni

4. *Jilqa' l-isforz kontinwu biex fil-programmi u l-inizjattivi tal-Unjoni jiġu inklużi dispożizzjonijiet dwar l-aċċess u jitlob li tkompli ssir aktar integrazzjoni tar-rekwiżiti ta' aċċessibilità fil-politiki*

Emenda

4. *Jilqa' l-isforz kontinwu biex fil-programmi u l-inizjattivi tal-Unjoni jiġu inklużi dispożizzjonijiet dwar l-aċċess u jitlob li tkompli ssir aktar integrazzjoni tar-rekwiżiti ta' aċċessibilità fil-politiki*

kulturali tal-Unjoni, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Marrakech, ir-rieżami tad-Direttiva dwar is-servizz tal-media awdjoviżiva, il-Kapitali Ewropej tal-Kultura u Ewropa Kreattiva;

kulturali, *edukattivi u sportivi* tal-Unjoni *u fl-inizjattivi leġiżlattivi relatati*, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Marrakech, ir-rieżami tad-Direttiva dwar is-servizz tal-media awdjoviżiva, il-Kapitali Ewropej tal-Kultura u Ewropa Kreattiva;

Or. en

Emenda 40 **Dominique Bilde**

Abbozz ta' opinjoni **Paragrafu 4**

Abbozz ta' opinjoni

4. *Jilqa' l-isforz* kontinwu biex fil-programmi u l-inizjattivi tal-Unjoni jiġu inklużi dispożizzjonijiet dwar l-aċċess u jitlob li tkompli ssir aktar integrazzjoni tar-rekwiżiti ta' aċċessibilità fil-politiki kulturali tal-Unjoni, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Marrakech, ir-rieżami tad-Direttiva dwar is-servizz tal-media awdjoviżiva, il-Kapitali Ewropej tal-Kultura u Ewropa Kreattiva;

Emenda

4. *Jieħu nota tal-isforz* kontinwu biex fil-programmi u l-inizjattivi tal-Unjoni jiġu inklużi dispożizzjonijiet dwar l-aċċess u jitlob li tkompli ssir aktar integrazzjoni tar-rekwiżiti ta' aċċessibilità fil-politiki kulturali tal-Unjoni, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Marrakech, ir-rieżami tad-Direttiva dwar is-servizz tal-media awdjoviżiva, il-Kapitali Ewropej tal-Kultura u Ewropa Kreattiva, *u jiddeplora l-fatt li t-tkabbir ta' Ewropa Kreattiva lejn pajjiżi terzi u l-politiki ta' awsterità imposti mill-Kummissjoni jwasslu b'mod inevitabbli għat-tnaqqis ta' dawn l-sforzi*;

Or. fr

Emenda 41 **Julie Ward, Helga Trüpel, Krystyna Łybacka, Sylvie Guillaume, Momchil Nekov, Silvia Costa**

Abbozz ta' opinjoni **Paragrafu 4**

Abbozz ta' opinjoni

4. Jilqa' l-isforz kontinwu biex fil-programmi u l-inizjattivi tal-Unjoni jiġu

Emenda

4. Jilqa' l-isforz kontinwu biex fil-programmi u l-inizjattivi tal-Unjoni jiġu

inklużi dispożizzjonijiet dwar l-aċċess u jitlob li tkompli ssir aktar integrazzjoni tar-rekwiżiti ta' aċċessibilità fil-politiki kulturali tal-Unjoni, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Marrakech, ir-rieżami tad-Direttiva dwar is-servizz tal-media awdjoviżiva, il-Kapitali Ewropej tal-Kultura u Ewropa Kreattiva;

inklużi dispożizzjonijiet dwar l-aċċess u jitlob li tkompli ssir aktar integrazzjoni tar-rekwiżiti ta' aċċessibilità fil-politiki kulturali tal-Unjoni, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Marrakech, ir-rieżami tad-Direttiva dwar is-servizz tal-media awdjoviżiva, il-Kapitali Ewropej tal-Kultura u Ewropa Kreattiva; ***ifakkar, madankollu, fil-ħtieġa li jkun hemm approċċ trasversali globali dwar l-aċċessibilità għas-servizzi kollha permezz tal-adozzjoni tal-Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità;***

Or. en

Emenda 42
Ilhan Kyuchyuk, Yana Toom

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4a. Jissottolinja li l-midja tista' tkun strument vitali biex titqajjem kuxjenza, jiġu miġġielda l-istigma u l-informazzjoni ħażina u jitbiddlu l-ideat żbaljati tas-soċjetà dwar il-persuni b'diżabilità u l-persuni bi bżonnijiet speċjali; jenfasizza, barra minn hekk, li billi żżid is-sensibilizzazzjoni u l-fehim tal-kwistjonijiet relatati mad-diżabilità, tad-diversità tal-persuni b'diżabilità u tas-sitwazzjonijiet tagħhom, il-midja jistgħu jikkontribwixxu b'mod attiv għall-integrazzjoni effettiva u b'suċċess tal-persuni b'diżabilità fl-aspetti kollha tal-ħajja tas-soċjetà;

Or. en

Emenda 43
Silvia Costa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4 a (ġdid)

AM\1129349MT.docx

21/36

PE607.807v01-00

MT

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4a. *Jistieden lill-Kummissjoni tadotta miżuri mmirati biex jiżguraw aċċess aktar wiesa' għall-kultura tal-persuni b'diżabilità, mhux biss bħala sempliċi spettaturi, iżda wkoll bħala atturi u protagonisti li kapaċi jaġixxu u jintervjenu, mingħajr l-ebda diskriminazzjoni, fid-dinja tal-kultura;*

Or. it

Emenda 44

Ilhan Kyuchyuk, Yana Toom

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4b (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4b. *Jenfasizza li ż-żghażaġh b'diżabilità jipparteċipaw inqas fl-attività fiżika miż-żghażaġh mingħajr diżabilità u li l-iskejjel jaqdu rwol importanti fl-adozzjoni ta' stil ta' ħajja b'sahhtu¹; jenfasizza għalhekk kemm hu importanti li titrawwem parteċipazzjoni aħjar taż-żghażaġh b'diżabbiltà f'attivitajiet fiżiċi; jistieden lill-Istati Membri biex malajr ineħħu l-ostakli kollha eżistenti li jxekklu l-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità jew tal-persuni bi bżonnijiet speċjali fl-attivitajiet sportivi;*

¹ *Determinants of Participation in Sport and Physical Activity for Students with Disabilities, 2016 (Fatturi Determinanti tal-Parteċipazzjoni fl-Ispport u fl-Attività Fiżika għall-Istudenti b'Diżabilità, 2016)*

Or. en

**Emenda 45
Dominique Bilde**

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. Jilqa' ż-żieda fl-appoġġ għall-aċċess għall-isport għall-persuni b'diżabilità permezz tal-programm Erasmus+ u **jitlob li jkun hemm appoġġ xieraq għall-inizjattivi** mmirati lejn it-titjib tal-aċċessibilità u l-parteċipazzjoni fl-isport fil-livelli kollha;

Emenda

5. Jilqa' ż-żieda fl-appoġġ għall-aċċess għall-isport għall-persuni b'diżabilità permezz tal-programm Erasmus+ u **jħeġġeġ li l-ħtieġa tal-parteċipazzjoni fl-isport titqies fil-kalkolu tal-benefiċċji tad-diżabilità jew li jkunu disponibbli għall-persuni b'diżabilità tariffi mnaqqsa, kif ukoll li jingħata appoġġ lill-inizjattivi tas-soċjetà ċivili** mmirati lejn it-titjib tal-aċċessibilità u l-parteċipazzjoni fl-isport fil-livelli kollha;

Or. fr

Emenda 46
Santiago Fisas Ayxelà, Bogdan Brunon Wenta

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. Jilqa' ż-żieda fl-appoġġ għall-aċċess għall-isport għall-persuni b'diżabilità permezz tal-programm Erasmus+ u jitlob li jkun hemm appoġġ xieraq għall-inizjattivi mmirati lejn it-titjib tal-aċċessibilità u l-parteċipazzjoni fl-isport fil-livelli kollha;

Emenda

5. Jilqa' ż-żieda fl-appoġġ għall-aċċess għall-isport għall-persuni b'diżabilità permezz tal-programm Erasmus+ u jitlob li jkun hemm appoġġ xieraq għall-inizjattivi mmirati lejn it-titjib tal-aċċessibilità u l-parteċipazzjoni fl-isport fil-livelli kollha, **anke għall-persuni b'diżabilità temporanja;**

Or. en

Emenda 47
Ilhan Kyuchyuk, Yana Toom, Robert Rochefort

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

5a. *Jenfasizza li huwa essenzjali li l-għalliema u dawk li jagħtu t-taħriġ jiġu mħejjija biex jaħdmu mat-tfal b'diżabilità u li jingħataw appoġġ adegwat; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jfasslu taħriġ u żvilupp professjonali kontinwu fl-educazzjoni inklużiva għall-għalliema u għal dawk li jagħtu t-taħriġ, b'kontribut minn partijiet ikkonċernati diversi, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità u l-professjonisti b'diżabilità;*

Or. en

Emenda 48
Curzio Maltese

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

5a. *Huwa tal-fehma li l-modernizzazzjoni li għaddejja bħalissa fis-setturi kulturali u kreattivi tista' tagħmilha eħfef li tiġi ggarantita l-aċċessibilità għas-servizzi; jitlob, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaraw li l-kumpaniji kkonċernati jiżguraw li s-servizzi tagħhom ikunu aċċessibbli;*

Or. it

Emenda 49
Julie Ward, Helga Trüpel, Krystyna Łybacka, Sylvie Guillaume, Momchil Nekov, Silvia Costa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. **Jenfasizza** kemm hu importanti li jittejjbu l-ħiliet u l-kompetenzi diġitali **tal-persuni b'diżabilità**, u jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-protezzjoni **ta l-ċittadini** vulnerabbli online;

Emenda

6. **Ifakkar fil-hteġa li jitnaqqas id-distakk diġitali u li jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità jibbenefikaw bis-sħiħ mill-Unjoni Diġitali; jenfasizza f'dan il-kuntest** kemm hu importanti li jittejjbu l-ħiliet u l-kompetenzi diġitali **ta' persuni b'diżabilità, b'mod partikolari permezz ta' proġetti finanzjati mill-programm Erasmus+, u jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-protezzjoni ta' ċittadini vulnerabbli onlajn, permezz ta' miżuri effiċjenti kontra d-diskors ta' mibegħda, il-bullying ċibernetiku u l-forom kollha ta' diskriminazzjoni** online;

Or. en

Emenda 50

Angel Dzhambazki, Morten Messerschmidt, Jana Žitňanská, Remo Sernagiotto

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Jenfasizza kemm hu importanti li jittejjbu l-ħiliet u l-kompetenzi diġitali tal-persuni b'diżabilità, u jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-protezzjoni **ta l-ċittadini** vulnerabbli online;

Emenda

6. Jenfasizza kemm hu importanti li jittejjbu l-ħiliet u l-kompetenzi diġitali tal-persuni b'diżabilità, u jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-protezzjoni **ta' ċittadini** vulnerabbli **u tal-persuni b'diżabilità** online;

Or. en

Emenda 51

Curzio Maltese

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Jenfasizza kemm hu importanti li jittejjbu l-ħiliet u l-kompetenzi diġitali tal-

Emenda

6. Jenfasizza kemm hu importanti li jittejjbu l-ħiliet u l-kompetenzi diġitali tal-

persuni b'diżabilità, u jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-protezzjoni **tal-***ċittadini* vulnerabbli online;

persuni b'diżabilità, u jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-protezzjoni **taċ-***ċittadini* vulnerabbli online, **billi jżidu l-***edukazzjoni fil-qasam tal-litteriżmu diġitali u medjatiku bħala parti kemm mit-tagħlim mhux formali u kemm mit-tagħlim formali*;

Or. it

Emenda 52

Julie Ward, Helga Trüpel, Krystyna Łybacka, Sylvie Guillaume, Momchil Nekov, Silvia Costa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

6a. *Jistieden lill-Kummissjoni tintensifika l-isforzi tagħha biex tiffaċilita l-użu tal-lingwa tas-sinjali fil-komunikazzjoni u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet tal-UE, sabiex ittejjeb l-opportunitajiet għall-interazzjoni maċ-ċittadini b'diżabilità;*

Or. en

Emenda 53

Silvia Costa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

6a. *jistieden lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE jikkonformaw mar-rekwiżiti u mal-obbligi adottati fid-Direttiva dwar l-aċċessibilità tas-siti web tal-UE;*

Or. it

Emenda 54

Curzio Maltese

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6a (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

6a. Jistieden lill-Istati Membri jitrasonu mingħajr dewmien id-Direttiva (UE) 2016/2102 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku, biex jiggwarantixxu lil kull persuna d-dritt għall-informazzjoni u għall-parteċipazzjoni demokratika; f'dan ir-rigward, jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej jikkonformaw mar-rekwiżiti u mal-obbligi stabbiliti mid-Direttiva għal dak li jirrigwarda s-siti web;

Or. it

Emenda 55

Julie Ward, Helga Trüpel, Krystyna Łybacka, Sylvie Guillaume, Momchil Nekov, Silvia Costa

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6b (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

6b. Fil-kuntest tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jafferma l-ħtieġa li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili u tar-rappreżentanti tal-persuni b'diżabilità fid-djalogu ċivili, flimkien mas-sħab soċjali;

Or. en

**Emenda 56
Silvia Costa**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6b (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

6b. Jistieden lill-Istati Membri jqiighdu għad-dispożizzjoni tat-tfal b'diżabilità, mingħajr ħlas, l-għodod teknoloġiċi li jippermettulhom jintegraw ruħhom bis-sħiħ fl-attivitajiet edukattivi u ta' taħriġ;

Or. it

Emenda 57
Dominique Bilde

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7. Iqis li jenħtieġ li l-edukazzjoni għaċ-ċittadinanza tindirizza l-prospetti tal-persuni b'diżabilità li jħabbtu wiċċhom ma' iktar ostakli fir-rigward tal-aċċess għall-parteċipazzjoni ċivika;

7. Jistieden lill-Istati Membri jissensibilizzaw liċ-ċittadini dwar id-diffikultajiet li jsibu ma' wiċċhom il-persuni b'diżabilità li jħabbtu wiċċhom ma' iktar ostakli fir-rigward tal-aċċess għall-parteċipazzjoni ċivika;

Or. fr

Emenda 58
Angel Dzhambazki, Morten Messerschmidt, Jana Žitňanská, Remo Sernagiotto

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7. Iqis li jenħtieġ li l-edukazzjoni għaċ-ċittadinanza tindirizza l-prospetti tal-persuni b'diżabilità li jħabbtu wiċċhom ma' iktar ostakli fir-rigward tal-aċċess għall-parteċipazzjoni ċivika;

7. Iqis li jenħtieġ li l-edukazzjoni għaċ-ċittadinanza *attiva* tindirizza l-prospetti tal-persuni b'diżabilità li jħabbtu wiċċhom ma' iktar ostakli fir-rigward tal-aċċess għall-parteċipazzjoni ċivika;

Or. en

Emenda 59

Julie Ward, Helga Trüpel, Krystyna Łybacka, Sylvie Guillaume, Momchil Nekov, Silvia Costa

Abbozz ta' opinjoni Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

7. Iqis li jenħtieġ li l-edukazzjoni għaċ-ċittadinanza tindirizza l-prospetti tal-persuni b'diżabilità li jħabbtu wiċċhom ma' iktar ostakli fir-rigward tal-aċċess għall-parteċipazzjoni ċivika;

Emenda

7. Iqis li jenħtieġ li l-edukazzjoni għaċ-ċittadinanza tindirizza l-prospetti tal-persuni b'diżabilità li jħabbtu wiċċhom ma' sproporzjonatament iktar ostakli inklużi dawk fiżiċi fir-rigward tal-aċċess għall-parteċipazzjoni ċivika; ***ifakkar li ċ-ċittadini kollha għandhom id-dritt tal-vot u jitlob li l-Istati Membri jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw li dan id-dritt jiġi rrispettat meta niġu għall-persuni b'diżabilità;***

Or. en

Emenda 60

Ilhan Kyuchyuk, Yana Toom, Robert Rochefort

Abbozz ta' opinjoni Paragrafu 7a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

7a. Jinnota bi tħassib li r-rifuġjati u l-persuni li jfittxu asil li għandhom diżabilità jiffaċċjaw bosta sfidi bħalma huma n-nuqqas ta' aċċessibilità għall-assistenza, in-nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni, l-aċċess insuffiċjenti għat-teknoloġija assistiva li tista' tagħmel il-komunikazzjoni u l-integrazzjoni aktar faċli;

Emenda

7a. ***Jinnota bi tħassib li r-rifuġjati u l-persuni li jfittxu asil li għandhom diżabilità jiffaċċjaw bosta sfidi bħalma huma n-nuqqas ta' aċċessibilità għall-assistenza, in-nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni, l-aċċess insuffiċjenti għat-teknoloġija assistiva li tista' tagħmel il-komunikazzjoni u l-integrazzjoni aktar faċli;***

Or. en

Emenda 61

Curzio Maltese

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 7a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7a. *Jissottolinja li sabiex jiġi żgurati li l-leġiżlazzjoni tal-UE tiġi armonizzata progressivament mad-dispożizzjonijiet stabbiliti mill-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, jeħtieġ li d-Direttiva dwar l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità tiġi adottata aktar malajr, u jistieden lill-Istati Membri kollha jiffirmaw u jirratifikaw il-protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni u jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tan-NU b'referenza għall-Artikolu 24, sabiex l-UE tarma lilha nfisha bil-mezzi meħtieġa biex bihom tiffaċilita l-aċċessibilità għal edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità;*

Or. it

Emenda 62

Ilhan Kyuchyuk, Yana Toom, Robert Rochefort

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 7b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7b. *Jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri u b'kooperazzjoni mal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR), tippromwovi u tipproteġi d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità fost ir-refuġjati u dawk li jfittxu asil; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jiskambjaw il-prattiki tajba dwar programmi innovattivi u ta' suċċess għar-rifuġjati b'diżabilità, b'mod partikulari fil-qasam tal-edukazzjoni inklużiva u għall-persuni bi bżonnijiet speċjali, f'dak tat-taħriġ vokazzjonali u f'dak tal-iżvilupp tal-ħiliet;*

Or. en

Emenda 63
Ilhan Kyuchyuk, Yana Toom, Robert Rochefort

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7c. Jenfasizza li sabiex jiġu vvalutati aħjar l-implimentazzjoni u l-eżiti tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità, huma meħtieġa ġbir tad-data, statistika u monitoraġġ aħjar;

Or. en

Emenda 64
Dominique Bilde

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

8. Jitlob li jkun hemm finanzjament u appoġġ xierqa għall-monitoraġġ tal-progress kif ukoll skrutinju tal-atti legali eżistenti u futuri tal-Unjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-obbligi tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

8. Jistieden lill-Istati Membri jimmonitorjaw l-iżviluppi fil-livell l-aktar lokali possibbli, sabiex jiżguraw li dawn l-iżviluppi jsiru skont l-atti ġuridiċi eżistenti u futuri tal-Unjoni fir-rigward tal-obbligi li għandhom jiġu rispettati taħt is-CRPD.

Or. fr

Emenda 65
Luigi Morgano, Julie Ward

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

8. Jitlob li jkun hemm finanzjament u appoġġ xierqa għall-monitoraġġ tal-progress kif ukoll skrutinju tal-atti legali eżistenti u futuri tal-Unjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-obbligi tal-Konvenzjoni dwar

8. Jitlob li jkun hemm finanzjament u appoġġ xierqa għall-monitoraġġ tal-progress kif ukoll skrutinju tal-atti legali eżistenti u futuri tal-Unjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-obbligi tal-Konvenzjoni *tan-*

id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni
b'Diżabilità (*CRPD*).

Or. en

Emenda 66

Julie Ward, Helga Trüpel, Krystyna Łybacka, Sylvie Guillaume, Momchil Nekov, Silvia Costa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

8a. *Iqis li huwa utli li tiġi adottata
perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fit-
tehd tad-deċiżjonijiet u li tinġabar data
diżaggregata skont is-sessi relatata mas-
sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità u li
jiġu adottati politiki ta' monitoraġġ u
azzjonijiet f'dan il-qasam, kif ukoll data
intersezzjonali dwar il-persuni vulnerabbli
u dwar dawk li jiffaċċjaw diskriminazzjoni
multipla;*

Or. en

Emenda 67

Luigi Morgano, Julie Ward

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

8a. *Jenfasizza r-rwol ewlieni tal-
persuni li jindukraw u jikkonfortaw u
b'mod partikolari r-rwol ewlieni tal-
familja, li ħafna drabi tissodisfa kważi
kompletament il-ħtiġijiet ta' kura u
assistenza tal-persuna b'diżabilità;
jenfasizza l-ħtieġa urġenti li l-politiki tal-
UE u dawk nazzjonali u l-inizjattivi
leġiżlattivi sussegwenti jappoġġjaw lill-
familja, filwaqt li jtuqies li fi kważi l-
każijiet kollha huma l-ommijiet li jgħorru l-
piż tal-immaniġġjar tad-diżabilità u huma*

mġiegħla jnaqqsu jew jissospendu l-attività professjonali tagħhom biex jassistu lill-membri tal-familja tagħhom li jkollu diżabilità tagħhom, speċjalment fil-każ taż-żgħar u tal-anzjani;

Or. en

Emenda 68
Michaela Šojdrová

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

8a. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jappoġġjaw netwerk u kooperazzjoni fil-livell tal-UE bejn l-assoċjazzjonijiet nazzjonali u daww Ewropej tal-persuni b'diżabilità bil-ħsieb li jippromwovu l-iskambju tal-esperjenza u tal-aħjar prattiki;

Or. en

Emenda 69
Ilhan Kyuchyuk, Yana Toom, Robert Rochefort

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

8a. Jemmen li hija meħtieġa sinerġija aħjar bejn l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabbiltà u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, b'mod partikolari fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, li jenħtieġ li jiġu msaħħa;

Or. en

Emenda 70
Silvia Costa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

8a. *Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw għodod regolatorji u servizzi li jippermettu lill-ġenituri jew lill-qraba tat-tfal b'diżabilità jgawdu minn liv u/jew ħin frank mix-xogħol sabiex ikunu jistgħu jibbilanċjaw ix-xogħol tagħhom mad-dmirijiet ta' kura tagħhom;*

Or. it

Emenda 71

Angel Dzhambazki, Morten Messerschmidt, Jana Žitňanská, Remo Sernagiotto

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

8a. *Jitlob l-użu mtejjeb tal-għodod diġitali u d-diġitalizzazzjoni bħala mezz biex jingħata appoġġ lid-dħul tal-persuni b'diżabilità f'impjieg full-time, fi sferi bħall-industrija tal-IT;*

Or. en

Emenda 72

Luigi Morgano, Julie Ward

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

8b. *Ifakkar fl-obbligi tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, irratifikata mill-Unjoni Ewropea, kif ukoll tal-Artikoli 21 u 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jiddikjaraw li l-indipendenza, l-integrazzjoni u l-aċċess għal sistema ta' edukazzjoni u taħriġ inklużiva, għall-*

ħajja ċivika u kulturali, għall-attivitajiet ta' rikreazzjoni u sport huma drittijiet iggarantiti, u li kwalunkwe sura ta' diskriminazzjoni abbażi tad-diżabilità hija projbita; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw bis-sħiħ dawn l-obbligi, jiġifieri billi jadottaw miżuri leġiżlattivi b'konformità ma' dawk id-drittijiet, inkella ma jirnexxilhomx jilhqqu l-miri għall-2020 stabbiliti permezz tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità;

Or. en

Emenda 73
Silvia Costa

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

8b Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw tagħlim li jkun jinkludi u jintegra fiċ-ċikli edukattivi u ta' taħriġ litfal u lill-adulti b'diżabilità fiżika jew intellettuali, filwaqt li jiżguraw ukoll servizzi jew għajnuniet ta' orjentament u ta' appoġġ, kif ukoll ċikli edukattivi individwali;

Or. it

Emenda 74
Angel Dzhambazki, Morten Messerschmidt, Jana Žitňanská, Remo Sernagiotto

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

8b. Iqis li l-promozzjoni ta' programmi ta' tagħlim tul il-ħajja għall-persuni b'diżabilità hija parti vitali tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità;

Emenda 75

Angel Dzhambazki, Morten Messerschmidt, Jana Žitňanská, Remo Sernagiotto

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 8c (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

8c. Jilqa' l-impenn biex titqajjem kuxjenza dwar il-kwistjonijiet relatati mal-persuni b'diżabilità;

Or. en

Emenda 76

Angel Dzhambazki, Morten Messerschmidt, Jana Žitňanská, Remo Sernagiotto

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 8d (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

8d. Jenfasizza kemm hu importanti li ċ-ċittadini jiġu edukati dwar il-kwistjonijiet relatati mal-persuni b'diżabilità mhobja/inviżibbli ħalli dawn il-persuni jiġu mħarsa mill-abbuż.

Or. en